LYNETTE CAMILLERI

# Il-Maltempata fuq ix-Xmara

U għaddejjna minn ġo dix-xmara,
Bil-kurrenti kontra tagħna,
Bħal dingi maqbud f'maltempesta,
U ġiġġifogu dakinhar tal-festa.

Ilmijiet fuq ilmijiet,
Bil-bankini donnhom bajjiet,
U x-xufier xorta jibqa' miexi,
Forsi xi darba għad jirnexxi.

Ix-xmara griża b'ċapep kannella,
Lixxa u kontinwa bħan-nutella,
Imdardra u maħmuġa bħal ilma qiegħed,
'Mma l-post tat-tluq dejjem jitbiegħed.

U jidħlu jidħlu fuq din l-arka,
Xi wħud nies, annimali ta' kull xorta,
U jitbandlu fuq l-ilmijiet,
Fl-inżul u t-tlajjiet.

U l-ilma jispara minn taħt bħal funtana,
U ma' kull waqfa ngħidu "Alla magħna!"
Dad-dulluvju donnu ma jispiċċa qatt,
Id-destinazzjoni nistħajlu x-xatt.

U dal-vjaġġ għadu għaddej b'ritmu fqajjar,
U ma tarax ħlief xita u għadajjar,
Kemm xita kapaċi tinżel f'din l-imbierka dinja?
Tgħid dalwaqt tasal l-Msida tal-linja?